# Il-kappella ta' Santa Ċeċilja
# - Għajnsielem, Għawdex -

Kitba ta' Fr. Joseph Bezzina.

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Taraha żgur. Ma tistax ma tagħtix kasha. Taraha sew jekk tasal Għawdex bil-baħar kif ukoll jekk kont tasal bil-ħelikopter meta dan kien għadu jagħti servizz. Jekk kont tasal b'dan l-aħħar mezz modern ta' trasport inti u nieżel Għawdex tgħaddi kważi kważi tmiss mas-saqaf tagħha.

Tinsab sewwa sew fi Sqaq il-Merkant, illum magħrufa bħala Trejqet il-Heliport, inti u ħiereġ mill-ħeliport tkun fuq il-lemin tiegħek. Jekk tasal bil-baħar, inti u tiela' mill-Imġarr tkun fuq ix-xellug tiegħek, kważi faċċata tal-istabiliment Gozo Heritage. Aktarx li ma tarahiex mall-ewwel daqqa ta' għajn. Faċilment tista' taħsibha kamra imdaqsa f'għalqa. Ħdejha jiddominaha, u għahekk parzjalment ineħħi l-attenzjoni minn fuqha, hemm it-torri ta' Santa Ċilja mibni fl-1613.

Iżda dik il-kamra mhix għajr il-kappella ta' Santa Ċeċilja — l-eqdem kappella li għadha wieqfa f'Għawdex fl-istat oriġinali tagħha.

**Il-bidu tal-kappella**

Santa Ċeċilja hi qaddisa li qajla nafu dwarha. Il-kult lejha beda f'Ruma fis-seklu ħamsa meta nbniet kappella f'ġieħa. Il-kult inxtered bħal leħħa ta' berqa, l-iktar minħabba r-rakkont tat-tbatijiet kbar li minnhom għaddiet, rakkont li kien ġie msejjaħ *Il-Passjoni ta' Santa Ċeċilja*. F'dan ir-rakkont, li mhux awtentiku, Santa Ċeċilja hi eżaltata bħala l-eżempju perfett ta' mara Nisranija. Ħaddnet il-verġnità u mietet martri għal Kristu. Peress li l-imsemmija passjoni tgħid li kienet tgħaddi ħinha tkanta lil Alla f'qalbha, mis-seklu sittax 'il quddiem saret il-patruna tal-mużiċisti.

Dwar il-bidu tal-kappella f’Għawdex qajla wkoll nafu. Kienet l-unika ddedikata lil din il-qaddisa li kienet wieqfa fil-gżira. Ma tissemmiex fil-Viżta Appostolika ta’ Mons. Pietru Dusina tal-1575. Wisq probbabli tant kienet fi stat medjokri li lanqas kellha xejn x’jindika li kienet kappella u għalhekk ebda Viżitatur ma nddenja ruħu jagħmlilha żjara. Mhux l-ewwel darba li ġara hekk.

L-ewwel darba li niltaqgħu magħha hi fil-Viżta Pastorali tal-isqof Baldassar Cagliares tal-1615. Il-kappella kienet reġgħet ħadet il-forma, minħabba l-interess ta’ ċertu Paskal Muscat li kien joqgħod fl-inħawi u li kien ukoll devot kbir ta’ Santa Ċeċilja. Kien qiegħed jieħu ħsiebha kemm seta’ fil-faqar tiegħu u kien ukoll qiegħed iħallas qassis biex nhar il-festa, li taħbat fit-22 ta’ Novembru, jagħmel quddiesa fil-kappella (Cf Arkivju Episkopali ta’ Għawdex (AEG), Visitatio Pastoralis (1615) 40r).

Kellha altar tal-ġebel u mal-ħajt kien hemm imdendel kurċifiss. Xejn iktar. Kellha wkoll bibien tal-injam, iżda dawn kienu bla serratura u għalhekk kulħadd seta’ jidħol fiha x’ħin ifettilu. Intweriet ix-xewqa lill-benefattur tal-kappella ħalli jagħmel mill-aħjar li jista’ biex jipprovdi xi ħaġa ħalli l-ewwelnett, isiru xi tiswijiet meħtiega fl-istruttura; it-tieni, biex issir serratura ħalli l-bibien jinżammu magħluqa u t-tielet, biex jipprovdi l-affarijiet meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Sakemm jagħmel dan kollu, ma kelliex terġa ssir quddiesa ġewwa.

**Titjib il-qagħdha tagħha**

Fl-1613, il-Kmandant tal-Artillerija tal-Kavallieri ta’ San Ġwann, Bernardo Macedonia bena torri maġenb il-kappella. Minkejja li għaddew mijiet ta’ snin, l-arma tiegħu għadha tiddomina sal-lum fuq il-bieb li jħares lejn nofsinhar. It-torri issejjaħ ta’ Santa Ċilja minħabba l-kappella għax Ċilja mhix għajr il-kelma proprja bil-Malti għal Santa Ċeċilja. Iktar ‘il quddiem minħabba dan it-torri sar possibli li jwasslu messaġġ minn nofsinhar ta’ Għawdex sat-tramuntana tal-gżira fi ftit minuti. Infatti minn fuq il-bejt ta’ dan it-torri tidher tajjeb it-Trunċiera ta’ Vendôme fil-bajja tar-Ramla u t-Torri ta’ Mġarr ix-Xini. Minn Mġarr ix-Xini setgħu imbagħad jikkomunikaw ma’ Kemmuna.

Kien aktarx il-bini ta' dan it-torri li ta ħajja ġdida lill-kappella. Meta l-Isqof reġa żarha fl-1630 (cf AEG, VP (1630) 42v) sabha fil-fatt f'qagħdha tajba ħafna. Minħabba l-interess kontinwu ta' Paskal Muscat, il-kappella żdidulha d-devoti u allura l-benefatturi. L-altar, li hu deskritt bħala antik ħafna, kellu terħa ħamra fuqu u kien hemm ukoll il-gandlieri u affarijiet oħra. Mill-istess Viżta nafu wkoll li quddiem il-kappella kien hemm zuntier li fih kienu jindifnu xi devoti. Ġorġ Farrugia, il-prokuratur tal-knejjes tal-kampanja, kellu jaħseb biex jixtri kurċifiss u lampier u jara l-bieb jingħalaq sew bis-serratura.

Sas-sena 1635, Paskal Muscat milli jidher kien miet. Minkejja li kien ħalla lill-kappella renta ta' sitt irbiegħi fis-sena biex tiġi ċċelebrata l-festa (cf AEG, VP (1635) 12v), miegħu mietet ukoll kull tama li l-kappella terġa' tieħu r-ruħ. Fl-1635, il-kappella nstabet fi stat ħażin u baqgħet sejra dejjem lura. Meta l-Isqof żarha mill-ġdid fl-1644 tant sabha f'kundizzjoni imwegħra li ma kellu xejn x'jagħmel għajr li jiprofanaha. Jiġifieri fiha ma setgħux isiru iktar ċerimoniji reliġjużi.

**Kappella sempliċi**

Minkejja li ilha numru daqstant kbir ta' snin li kienet ipprofanata, il-kappella kienet għadha wieqfa, sa ftit ta' żmien ilu. Il-binja, tneħħi s-saqaf kemmxejn imżerżaq tagħha, għandha forma kubika mill-iktar sempliċi. Sempliċi wkoll, iżda proporzjonata ħafna hija l-faċċata, li għandha bieb rettangulari u baxx sormontat minn tieqa żgħira rettangulari wkoll. Biex tidħol ġewwa wieħed irid jinżel tliet tarġiet, kif kienu jinbnew il-knejjes tal-epoka.

L-intern tal-knisja, mas-seba' metri kwadri, hu mqassam f'erba' ndani bi tliet arkati li jispiċċaw kemmxejn ippuntati u ħerġin minn mal-ħajt. Wara r-restawr riċenti u tindif ta' dawn l-arkati instab li fuqhom hemm imnaqqxin għadd ta' figuri ta' bastimenti bil-qlugħ u anke tal-qdif li probabilment huma forma ta' *ex-voto*. Iżda hemm ukoll graffiti oħra aktar riċenti bħal dak li evidentament uża l-knisja biex jistkenn minn xi maltempata bix-xita ("*vi ringrazzio il posto secco*").

Il-faċċata u ħajt ieħor tagħha huma mibnija minn ġebel minġur poġġut pulit waħda fuq l-oħra. Iż-żewġ ħitan l-oħra huma mibnija b'ġebel mhux minġur,

bħal tal-ħitan tas-sejjieħ, u mqiegħed f’postu bit-tajn. Fuq il-ħajt li jħares lejn il-bieb hemm tieqa rettangulari oħra biex jidħol kemmxejn dawl fil-kappella. Ta’ min jinnonta li b-bieb prinċipali mhux qiegħed eżatt fin-nofs tal-faċċata.

Il-kappella tixhed li kienet imtella’ minn bennej tajjeb, iktar milli minn arkitett imħarreġ.
Fuq in-naħa ta' wara hemm kamra żgħira li mid-dehra kienet tintuża bħala sagristija. Jidher ukoll li din il-kamra nbiet xi żmien wara li nbniet il-kappella nnifisha, x'aktarx biex taqdi l-ħtiġijiet ta' min kien imur iqaddes fiha xi ftit aktarx. Din il-kamra wkoll qed tiġi irrestawrata.

Il-kappella nnifisha hi eżempju perfett ta’ sempliċità medjevali u l-unika knisja tal-epoka tagħha li għad fada fil-gżira t’Għawdex.   Dan iżid sew fil-valur storiku ta’ din il-binja.

**Għeluq**

Din il-kappella, ftit ta’ snin ilu, ġiet maħruqa kompletament minn xi vandali, u wara, bil-maltemp iġġarfet parti minnha. Dan huwa huwa att kbir ta’ għajb u ta’ mistħijja.

Iżda bi pjaċir ninnotaw li azzjoni ttieħdet malajr u r-restawr fuq din il-kappella beda u issa tlesta.  Wieħed iżda ma jistgħax ma jistaqsix għaliex din il-kappella kellha tasal f'dan l-istat tal-biki qabel ma xi ħadd induna u ċċaqlaq biex jibda r-restawr. Aktar ma oġġett jitħalla jitmermer, aktar tkun diffiċli u għali r-restawr tiegħu. Nittamaw li tittieħed tagħlima minn dan il-każ u l-interventi jibdew isiru f'waqthom.

Nota Editorjali:

Jikkumplimenta r-restawr ta’ din il-kappella u l-ftuħ mill-ġdid tagħha fl-2012, kien inħareġ ktejjeb mimli nformazzjoni, disinji, ritratti professjonali u annotamenti bl-isem “*The Church of St. Cecilia on the Island of Gozo*”.  L-awtur hu l-perit Dr. David Mallia waqt li l-fotografu u disinjatur tal-ktejjeb hu s-Sur Daniel Cilia.  Dan hu ktejjeb ta’ livell tassew għoli minn kull aspett u ta’ min jixtrieħ.